



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2012/0150(COD)

25.2.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (COM(2012)0280 – C7-0136/2012 – 2012/0150(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitar Stoyanov

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għal Direttiva se tistabilixxi regoli tal-UE għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment f'każ li dawn ifallu. Il-mekkaniżmu propost għal dan l-għan għandu l-għan li jipproteġi s-sistema bankarja u finanzjarja tal-UE u jnaqqas kemm jista' jkun l-ispejjeż għall-kontribwenti. Il-proposta tal-Kummissjoni hija raġonevoli, safejn tipprova toħloq serje ta' strumenti maħsuba għar-risoluzzjoni tal-fallimenti bankarji, li jiġġieldu kontra l-kriżi sistemika tas-settur bankarju filwaqt li titqies il-ħtieġa, fl-interess tas-suq u tas-soċjetà, li s-servizzi bankarji ewlenin jiġu ppreservati filwaqt li jiġu limitati l-każijiet fejn l-istituzzjonijiet li qed ifallu jibbenefikaw minn għajjnuna mill-Istat. L-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbju ċerti elementi mhux preċiżi u xi aspetti tal-proposta abbozzata mill-Kummissjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Is-swiegq finanzjarji tal-Unjoni huma integrati u interkonnessi ferm, b'ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu joperaw b'mod estensiv lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Huwa probabbli li l-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu transfruntiera jaffettwa l-istabbiltà tas-swiegq finanzjarji fl-Istati Membri differenti fejn topera. L-inabbiltà tal-Istati Membri li jieħdu l-kontroll ta' istituzzjoni ta' kreditu li qed tfalli u jirrizolvuha b'mod li effettivament jipprevjeni ħsara sistemika usa' tista' thedded il-fiduċja reċiproka tal-Istati Membri u ***l-kredibbiltà*** tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. L-istabbiltà tas-swiegq finanzjarji hija, għalhekk, kundizzjoni essenzjali għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

(2) Is-swiegq finanzjarji tal-Unjoni huma integrati u interkonnessi ferm, b'ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu joperaw b'mod estensiv lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Huwa probabbli li l-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu transfruntiera jaffettwa l-istabbiltà tas-swiegq finanzjarji fl-Istati Membri differenti fejn topera. L-inabbiltà tal-Istati Membri li jieħdu l-kontroll ta' istituzzjoni ta' kreditu li qed tfalli u jirrizolvuha b'mod li effettivament jipprevjeni ħsara sistemika usa' tista' thedded il-fiduċja reċiproka tal-Istati Membri u ***l-fiduċja tal-kontribwenti fir-rigward*** tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. L-istabbiltà tas-swiegq finanzjarji hija, għalhekk, kundizzjoni essenzjali għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' dan il-qafas politiku huwa li l-awtoritajiet kompetenti jiġu mġhammra b'għodod u b'setgħat komuni u effettivi biex jindirizzaw kriżijiet bankarji minn qabel, jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja u jimminimizzaw l-iskopertura tal-kontribwenti għat-telf.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) L-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa komponent essenzjali ta' riżoluzzjoni effettiva. L-awtoritajiet għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jippjanaw kif il-funzjonijiet essenzjali ta' istituzzjoni jew ta' grupp transfruntier jistgħu jiġu iżolati mill-bqija tan-negozju u ttrasferiti sabiex jiġu żgurati l-preżervazzjoni u l-kontinwazzjoni ta' funzjonijiet essenzjali. Ir-rekwiżit li jitħejja pjan ta' riżoluzzjoni għandu madankollu **jiġi ssimplifikat u jirrifletti l-importanza sistemika tal-istituzzjoni jew il-grupp.**

Emenda

(18) L-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa komponent essenzjali ta' riżoluzzjoni effettiva. L-awtoritajiet għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jippjanaw kif il-funzjonijiet essenzjali ta' istituzzjoni jew ta' grupp transfruntier jistgħu jiġu iżolati mill-bqija tan-negozju u ttrasferiti sabiex jiġu żgurati l-preżervazzjoni u l-kontinwazzjoni ta' funzjonijiet essenzjali. Ir-rekwiżit li jitħejja pjan ta' riżoluzzjoni għandu madankollu **jkun proporzjonali għall-importanza sistemika tal-istituzzjoni jew il-grupp.**

Emenda 3

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom tal-anqas darba fis-sena jew wara bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali tal-istituzzjoni, in-negozju jew is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li jista' jkollha effett materjali fuq il-pjan ta' rkupru jew teħtieġ bidla fih. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom tal-anqas darba fis-sena jew wara bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali tal-istituzzjoni, in-negozju jew is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li jista' jkollha effett materjali fuq il-pjan ta' rkupru jew teħtieġ bidla fih. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li

l-istituzzjonijiet jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom aktar ta' spiss.

l-istituzzjonijiet jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom aktar ta' spiss **f'każ li dan ikun neċessarju għall-istabbiltà tas-swieq finanzjarji.**

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun evitat ir-riskju li l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lid-ditti ta' investiment jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom spiss wisq – għajr fil-każ li l-aġġornament huwa essenzjali għall-istabbiltà ġenerali tas-swieq finanzjarji – bil-għan li l-istituzzjonijiet u d-ditti ma jitgħabbewx bla bżonn b'burokrazija żejda.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Artikolu 75 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tiżgura li d-dokumenti li jagħtu prova tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 4 *jitbagħtu* lill-azzjonisti u l-kredituri magħrufa tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

Emenda

5. L-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tiżgura li d-dokumenti li jagħtu prova tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 4 *jintbagħtu fi żmien utli* lill-azzjonisti u l-kredituri magħrufa tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

Ġustifikazzjoni

Emenda intiża li tisħaq fuq il-bżonn li l-azzjonisti u l-kredituri jiġu infurmati dwar il-provi tal-istrument li permezz tiegħu l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun ittieħdet.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Artikolu 76 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

r) impjegati jew eksimpjegati tal-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) u (b);

Emenda

r) impjegati jew eksimpjegati tal-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c);

Ġustifikazzjoni

Ir-reqwiżiti dwar ir-rispett tas-sigriet professjonali m'għandhomx japplikaw biss għall-

impjegati jew l-eks impjegati tal-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni, tal-awtoritajiet kompetenti u tal-EBA, iżda wkoll għal dawk tal-ministeri kompetenti.

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 78 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) id-deċiżjoni tal-awtorità tar-rizzoluzzjoni għandha tkun infurzabbli minnufih u ma għandhiex tkun soġġetta għal ordni ta' sospensjoni maħruġa minn qorti;

imħassar

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' azzjoni ta' rizzoluzzjoni, mhuwiex opportun li jiġi limitat id-dritt ta' qorti li tissospendi l-azzjoni ta' rizzoluzzjoni jekk jinstab ksur tar-regoli.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 103 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-*Artikolu 2, 4, 28, 37, 39, 43, 86, 94, 97 u 98* għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-*Artikoli 2, 4, 28, 37, 39, 43, 86, 94, 97 u 98* għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perjodu ta' ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi estiż iż-żmien previst li fih jistgħu jitqajmu l-oġġezzjonijiet, sabiex il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jistudjaw bir-reqqa l-att delegat u jiddeterminaw jekk l-

adozzjoni tiegħu f'dik il-forma hijiex xierqa u korretta.

IL-PROĊEDURA

Titolu	Qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u emenda tad-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010
Referenzi	COM(2012)0280 – C7-0136/2012 – 2012/0150(COD)
Kumitat responsabbli Data mħabbra fis-seduta plenarja	ECON 5.7.2012
Opinjoni mogħtija minn Data mħabbra fis-seduta plenarja	JURI 5.7.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Dimitar Stoyanov 18.9.2012
Data tal-adozzjoni	21.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Françoise Castex, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Antonio López-Istúriz White, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Eva Lichtenberger, József Szájer